# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Numru 365/2021 NC**

**Brian Tonna**

**vs.**

**L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati; u**
**Iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Illum l-ewwel (1) ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2021 li jgħid hekk:

> *"Illi fl-20 ta' Marzu, 2021, l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat b'diversi reati, fosthom ir-reat ta' ħasil ta' flus kontemplat fl-Artikolu 3(1)*

*tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja ta' l-imputazzjonijiet qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok BT1).*

*Illi fis-6 ta' April, 2021 l-esponent ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest (kopja tal-kundizzjonijiet qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok BT2).*

*Illi l-istruttorja fil-kawża fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et għadha llum pendenti peress li l-prosekuzzjoni għadha fi stadju bikri tal-ġbir tal-provi.*

*Illi, a parti dan il-każ, l-esponent qed jiġi investigat fuq każijiet oħra, inkluż dwar ir-rwol tiegħu in konnessjoni mal-kuntratt mogħti lill-Eletrogas Malta Ltd.*

*Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi datata 9 ta' April, 2021, l-esponent intalab jagħti x-xiehda tiegħu fl-14 ta' April, 2021 dwar rapport ta' l-Awditur Ġenerali intitolat An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation datat Novembru, 2018 (kopja ta' l-ittra qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok BT3).*

*Illi ma' din l-ittra ġiet mibgħuta kopja tal-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives (kopja annessa u mmarkata bħala Dok BT4).*

*Illi waqt is-seduta ta' l-14 ta' April, 2021, l-avukat sottoskritt spjega lill-imsemmi Kumitat li l-esponent kien ser jinvoka d-dritt tas-silenzju. Ir-raġunijiet minnu miġjuba kienu tnejn: (i) ir-rwol ta' l-esponent fir-rigward tal-materja investigata mill-Awditur Ġenerali tifforma wkoll il-meritu ta' inkjesta jew inkjesti maġisterjali; u (ii) l-esponent ġie akkuzat bir-reat ta' ħasil ta' flus fi proċeduri kriminali separati, u l-predicate offence/s ta' dan ir-reat ma ġewx indikati mill-prosekuzzjoni, la fix-xiehda ta' l-uffiċjali investigaturi u wisq inqas fl-akkużi (kopja tat-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-14 ta' April, 2021 quddiem il-Kumitat annessa u mmarkata bħala Dok BT5).*

*Illi dakinhar ic-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi talab lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jagħti Ruling dwar jekk l-esponent setgħax jinvoka l-imsemmi dritt tas-silenzju. Fit-talba tiegħu għal Ruling, l-imsemmi Chairperson, filwaqt li osserva li ma kien jaf b'ebda proċeduri konnessi mal-każ ta' l-Electrogas, huwa ma għamel l-ebda referenza għall-ewwel punt sollevat mill-avukat ta' l-esponent dwar investigazzjonijiet u inkjesti pendenti.*

*Illi permezz ta' Ruling mogħti fis-Seduta 449 tad-19 ta' April, 2021, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati irritjena, inter alia, li kull xhud li jiġi msejjaħ jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ma jkollu l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-materja li tkun qed tiġi trattata mill-istess Kumitat, għandu jitla' quddiem il-Kumitat biex jirrispondi għad-domandi li jsirulu iżda ma jistax jiġi kostrett jirrispondi dawk id-domandi li skont ix-xhud jew l-avukat tiegħu jistgħu jinkriminawh.*

*Illi l-esponent reġa' ġie mitlub mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex jagħti x-xiehda tiegħu fil-21 ta' April, 2021. Dakinhar ic-Chairperson tal-Kumitat wissa' lill-esponent li r-Ruling tad-19 ta' April, 2021 kien ċar u ma kienx jippermettilu jinvoka d-dritt tas-silenzju. Għalkemm l-avukat ta' l-esponent għamel tentattiv jagħmel sottomissjonijiet dwar dan ir-Ruling, huwa ġie mwaqqaf ħesrem u infurmat li tali Ruling ma setgħax jiġi dibattut. L-esponent, kemm minħabba d-direzzjoni żbaljata mogħtija mill-imsemmi Chairperson lill-Ispeaker kif ukoll minħabba l-kontenuut ta' l-imsemmi Ruling, ġie kostrett jixhed wara li t-talbiet ta' l-avukat tiegħu sabiex isiru sottomissjonijiet dwar ir-Ruling ġew miċħuda (kopja tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-21 ta' April, 2021 quddiem il-Kumitat annessa u mmarkata bħala Dok BT6).*

*Illi l-esponent reġa' ġie mitlub mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex jagħti x-xiehda tiegħu fit-28 ta' April, 2021 u fil-5 ta' Mejju, 2021. Huwa ġie wkoll mitlub minn dan il-Kumitat, iktar minn darba, sabiex jesebixxi diversi dokumenti. Waħda minn dawn it-talbiet ġiet*

*segwita minn email mill-imsemmija skrivana datata 22 ta' April, 2021 (email annessa u mmarkata bħala Dok BT7). Meta l-esponent, tramite l-avukat tiegħu, informa lill-Kumitat li l-maġġor parti tad-dokumentazzjoni mitluba kienet ġiet elevata fuq ordni ta' żewġ Maġistrati Inkwirenti, huwa ġie ordnat jagħmel rikorsi fl-inkjesti maġisterjali relattivi sabiex jottjeni kopji ta' din id-dokumentazzjoni.*

*Illi jinghad ukoll bl-akbar rispett li ż-żewġ intimati ma humiex ġodda għal-leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali sanċiti bl-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea – bid-differenza li filwaqt li f'każijiet preċedenti l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici għażel li jistenna l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali, f'dan il-każ il-Kumitat ma ħa ebda prekawzjoni simili u l-esponent ġie infurmat li kienu ser jittieħdu l-passi neċessarji kontrih jekk huwa ma jibdix jixhed immedjatament.*

***1. ksur tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

*Illi, kif inghad, skond ir-Ruling ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' April, 2021, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati irritjena, inter alia, li kull xhud li jiġi msejjaħ jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ma jkollu l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-materja li tkun qed tiġi trattata mill-istess Kumitat, għandu jitla' quddiem il-Kumitat biex jirrispondi għad-domandi li jsirulu iżda ma jistax jiġi kostrett jirrispondi dawk id-domandi li skont ix-xhud jew l-avukat tiegħu jistgħu jinkriminawh.*

*Illi jingħad bl-akbar rispett li l-konklużjonijiet raġġunti fir-Ruling imsemmi jindirizzaw biss il-posizzjoni ta' xhud li jkun għaddej proċeduri kriminali u mhux xhud li jkun qed jiġi investigat. Dan qed jingħad bla preġudizzju għall-fatt li, kif ingħad, l-esponent jinsab effettivament akkużat bir-reat ta' ħasil ta' flus fi proċeduri kriminali pendenti u l-predicate offence/s ta' dan ir-reat ma ġewx indikati mill-prosekuzzjoni, la fix-xiehda ta'*

*l-uffiċjali investigaturi u lanqas fl-akkużi ossia imputazzjonijiet. Dan neċessarjament ifisser li, in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, ix-xiehda ta' l-esponent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tista' tintuża mill-prosekuzzjoni fil-kawża kriminali pendenti fil-konfront tiegħu, u ċioe' proċeduri fejn illum suppost għandu d-dritt tas-silenzju.*

*Illi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Second Edition), jgħidu hekk:*

> *"The right to a fair hearing includes freedom from self-incrimination in criminal cases. In one sense, this is an unexpected reading of Article 6(1), in that when Council of Europe member states added to the rights of the accused in the Seventh Protocol to the Convention, they considered including freedom from self-incrimination but decided not to do so. Nonetheless, the Court's subsequent jurisprudence under Article 6 fills an obvious and unfortunate gap. As the Court stated in Saunders v UK, 'the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognized international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6'." (p 259)*

*Illi skond ġurisprudenza kopjuża tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti ta' Strasbourg, id-dritt tas-silenzju jibda mill-istadju bikri ta' l-investigazzjoni u ma huwiex limitat għal meta persuna tiġi imputata jew akkużata b'reati kriminali.*

*Illi l-esponent qiegħed jissottometti, għar-raġuni spjegata iktar 'il fuq, li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq li qed jiġi leż bix-xiehda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa s-smigħ quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et.*

*Illi qed jiġi għalhekk sottomess li kemm il-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives kif ukoll ir-Ruling ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' April, 2021 huma leżivi tad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***2. ksur tad-dritt tiegħu tal-liberta' personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

*Illi r-Regola 4 tal-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives tiddisponi hekk:*

> *"A person who, having been duly served with a copy of the warrant as prescribed in article 3 above, fails, without lawful excuse, to appear before the Committee, or having appeared before the Committee refuses to be sworn or, subject to guideline 19 below, to answer questions shall be guilty of contempt of the House and shall be liable to the penalties prescribed in article 11 of the House of Representatives (Powers and Privileges) Ordinance (CAP 113)."*

*Illi waħda mill-pieni prospettati fis-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 11 ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113 tal-Liġijiet ta' Malta) għal "nuqqas ta' qima" ("contempt") hija dik ta' "priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur".*

*Illi l-esponent, in vista tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u l-inkjesti maġisterjali fejn huwa wiehed mill-persuni "suspettati", għamel tentattiv sabiex jipprevalixxi ruħu mid-dritt tas-silenzju, dritt, kif inghad iktar 'l fuq, sanċit mill-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti ta' Strasbourg. Għalhekk l-esponent jista' potenzjalment, fl-eventwalita' li jinsisti li jipproteġi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, jiġi punit b'piena ta' priġunerija effettiva.*

*Illi, a parti minn hekk, fis-6 ta' April, 2021 l-esponent ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.*

*Illi għalhekk l-esponent mhux biss huwa potenzjalment espost għall-piena ta' priġunerija minħabba dak li jiddisponi s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza msemmija, iżda addirittura espost li jitlef il-ħelsien mill-arrest tiegħu minħabba ksur tal-kundizzjoni indikata.*

*Illi qed jiġi għalhekk ukoll sottomess li kemm il-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives kif ukoll ir-Ruling ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' April, 2021 huma leżivi tad-dritt tiegħu tal-liberta' personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent, għar-raġunijiet premessi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1) Tiddikjara li l-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jobbligah jirrispondi għal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li jistgħu jiksrulu d-dritt ta' smigħ xieraq;*

*2. Tiddikjara li r-Ruling ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' April, 2021, jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jobbligah jirrispondi għal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li jistgħu jiksrulu d-dritt ta' smigħ xieraq;*

*3. Tiddikjara li l-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives jikser id-dritt tiegħu tal-liberta' personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jesponih potenzjalment għat-telf tal-liberta' personali tiegħu fl-eventwalita' li jinsisti li jinvoka d-dritt tas-silenzju;*

*4. Tiddikjara li r-Ruling ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' April, 2021 jikser id-dritt tiegħu tal-liberta' personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jesponih potenzjalment għat-telf tal-liberta' personali tiegħu fl-eventwalita' li jinsisti li jinvoka d-dritt tas-silenzju;*

*5. Tordna l-isfilz mill-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar rapport ta' l-Awditur Ġenerali intitolat An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation ta' kull xiehda minnu mogħtija u ta' kull dokument minnu esebit;*

*6. Tiddikjara li kull xiehda mogħtija mill-esponent u kull dokument minnu esibit fuq talba tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici hija leżiva tad-dritt fondamentali tiegħu sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*7. Tiddikjara li kull xiehda mogħtija mill-esponent u kull dokument minnu esibit fuq talba tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi hija leżiva tad-dritt fondamentali tiegħu sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*8. Tagħti id-direttivi kollha, inkluż danni, sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta' l-esponent kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni".*

Rat ir-Risposta tal-intimati l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (*a fol.* 174 *et seq.*) ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2021 li tgħid hekk:

*"Illi ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi ma għandux personalita' ġuridika distinta u separata mill-Parlament u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Illi lis-Speaker tal-Kamra għalkemm jippresjedi l-istess Kamra u l-laqgħat tagħha ma għandux ir-rappreżentanza legali tagħha u tal-iStat Malti u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Illi fil-fatt ir-ruling huwa korrett u skont il-liġi u bl-ebda mod ma jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.*

*Illi l-ġudizzju mhux integru mingħajr il-preżenza tal-Prosekuzzjoni jew il-persuni li qegħdin imexxuha.*

*Illi r-rikorrent se mai għandu dritt għas-silenzju biss f'materji dwar liema huwa għaddej minn akkuża kontra tiegħu, f'materja oħra għandu d-dritt li ma jixhedx jekk ix-xhieda tiegħu tista' twassal għal biex jinkrimina ruħu. Dan id-dritt tiegħu dejjem ġie rispettat mill-istess Parlament u mill-Kumitat u xhieda ta' dan hija d-dokumentazzjoni tax-xhieda tal-istess rikorrent mogħtija quddiem l-istess Kumitat fejn huwa għażel f'diversi okkażjonijiet li ma jixhidx billi jista' jinkrimina ruħu. Dan kien id-dritt tiegħu u ġie rispettat b'mod assolut mill-Parlament, mill-Kumitat u anke mill-istess Speaker kif jirriżulta fl-istess ruling tiegħu.*

*Illi fil-fatt ma hemm xejn li jilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrent għar-regola numru 4 tal-gwida għax-xhieda. Din hija regola neċessarja li tat dritt lil min jixhed li f'ċerti każijiet jkun jista' ma jirrispondix biex ma jinkriminax ruħu. Din hija regola maħsuba għal xhieda li ma għandhom xejn x'jibżgħu mill-ġustizzja u għalhekk hija neċessarja għall-andament korrett tal-*

*proċeduri parlamentari. Naturalment xhud għandu dritt li ma jixhidx jekk b'dak li jgħid jista' jinkrimina ruħu. Inoltre xhud li qiegħed taħt akkuża għandu d-dritt għas-silenzju. Dan huwa rikonoxxut fir-ruling tal-ispeaker stess.*

*Il-każ preżenti huwa differenti mill-każi preċedenti ċitati fir-rikors promotur għaliex ir-rikorrent mhuwiex għaddej minn proċeduri ġudizzjarji dwar il-materja dibattuta imma dwar affarijiet oħra u għalhekk fil-każ in speċje ma jistax jakkampa b'mod assolut id-dritt għas-silenzju imma jista' dejjem jirrifjuta li jwieġeb jekk jaħseb li risposta tista' tinkriminah. Dan id-dritt ġie rikonoxxut u eżerċitat mir-rikorrenti fil-prattika u fir-risposti li ta għad-domandi li sarulu, kif ampjament jirriżulta.*

*Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati. Inoltre dwar il-ħames talba tar-rikorrent din hija non sequitur għaliex ir-rapport tal-Awditur magħmul għall-Kamra ma jista' bl-ebda mod jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. Din il-Qorti ma għandix il-ġurisdizzjoni tissindika jew tikkontrolla l-proċedura fil-Parlament imma għandha biss ġurisdizzjoni f'materja ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. Il-proċeduri fil-Parlament ma humiex intiżi biex wieħed jistabilixxi responsabilita' kriminali jew meno fir-rikorrent imma huma ntiżi biss għall-kontroll tal-Gvern mill-Oppożizzjoni li hija ħaġa desiderabbli jekk mhux ukoll neċessarja f'demokrazija".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 (*a fol.* 178), ġie deċiż li l-ewwel kellhom jiġu sorvolati l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-intimati.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 (*a fol.* 178), il-Qorti tat żmien lir-rikorrent u lill-intimati sabiex jippreżentaw Noti ta' Sottomissjonijiet fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-intimati.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati pprezentata fit-23 ta' Awwissu 2021 (*a fol.* 181 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fit-28 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 184 *et seq.*).

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati u ċioé:

- li ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi ma għandux personalita' ġuridika distinta u separata mill-Parlament u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

- li lis-Speaker tal-Kamra tad-Deputati għalkemm jippresjedi l-istess Kamra u l-laqgħat tagħha ma għandux ir-rappreżentanza legali tagħha u tal-iStat Malti u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom (*a fol.* 181 *et seq.*), l-intimati jissottomettu, fost l-oħrajn, illi l-iStat ta' Malta huwa rappreżentat legalment mill-Avukat tal-iStat u li jsegwi li mhux biss il-Kamra u l-Kumitati tagħha ma għandhomx eżistenza korporativa indipendenti mill-iStat imma jsegwi wkoll li la ċ-Chairperson u lanqas l-iSpeaker ma għandhom ir-rappreżentanza ta' dawk l-istituzzjonijiet. Jissottomettu wkoll li *"kull fejn il-liġi ikkreat enti korporattiv ħasbet għar-rappreżentanza ġudizji u legali tiegħu, l-assenza tad-dispożizzjoni fir-rigward hija argument qawwi mhux biss għall-assenza ta' rappreżentanza imma wkoll għall-assenza ta' eżistenza korporattiva indipendenti mill-iStat"* (*a fol.* 181).

Illi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 184 *et seq.*), ir-rikorrent iwieġeb billi jgħid li f'kawżi preċedenti quddiem din il-

Qorti kif diversament preseduta l-intimati diġa ttentaw jagħtu eċċezzjonijiet simili li ġew miċħuda. Wara li r-rikorrent għamel riferenza għas-sentenzi tal-kawżi in kwisjtoni, jissottometti li *"fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, jirriżulta illi l-argumenti kważi identiċi, nonché bi sfumatura diversa ta' personalita' ġuridika u rappreżentanza, ta' l-intimati ma jsibu l-ebda sostenn jew bażi legali"* (*a fol.* 186).

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad illi l-intimati fil-kawża odjerna huma tnejn u ċioé:

- l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, u
- ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

<u>Speaker tal-Kamra tad-Deputati</u>
Illi, fir-rigward tal-iSpeaker, il-Qorti tagħmel riferenza għall-Kostituzzjoni ta' Malta fejn filwaqt li Artikolu 51 jgħid hekk:

> "Għandu jkun hemm Parlament ta' Malta li jkun magħmul mill-President u minn Kamra tad-Deputati",

Artikolu 59(1) jgħid is-segwenti:

> "Meta l-Kamra tad-Deputati tiltaqa' għall-ewwel darba wara xi elezzjoni ġenerali u qabel ma tipproċedi għat-tmexxija ta'xi xogħol ieħor, għandha teleġġi persuna biex tkun l-iSpeaker tal-Kamra; u jekk il-kariga ta' Speaker issir vakanti f'xi żmien qabel ix-xoljiment sussegwenti tal-Parlament, il-Kamra għandha, kemm jista' jkun malajr, teleġġi persuna oħra għal dik il-kariga."

Illi r-rwol u l-funzjoni tal-iSpeaker huwa regolat mill-Ordni Dwar Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.02).

Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi
Illi, fir-rigward taċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-Qorti tinnota li *ai termini* ta' Regolament 120A ta' Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.02 dan huwa wieħed mid-diversi Kumitati Permanenti li l-Kamra tad-Deputati hija obbligata li taħtar kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux iktar tard minn xahar wara li l-ewwel tiltaqa' l-Kamra tad-Deputati wara elezzjoni ġenerali.

Illi Regolament 120E tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.02 jirregola l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u Regolament 120E(4) ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jaqra hekk:

> "Wieħed minn dawk il-membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni u hekk magħżul minnu wara li jkun ikkonsulta lill-Kap tal-Kamra għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Il-President ikollu vot oriġinali iżda ma jkollux vot deċiżiv."

**Ikkunsidrat**

Illi b'hekk isegwi li filwaqt li l-Kamra tad-Deputati teleġġi l-persuna biex tkun l-iSpeaker tal-Kamra, fir-rigward tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, wieħed mill-membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni għandu jinħatar bħala President tal-istess kumitat.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jissottomettu s-segwenti:

*"L-iStat ta' Malta huwa rappreżentat legalment mill-avukat tal-iStat. Għalhekk mhux biss il-kamra u l-kumitati tagħha ma għandhomx eżistenza korporativa indipendenti mill-iStat imma dan faċilment isegwi li la ċ-Chairperson u l-lanqas l-iSpeaker ma għandhom ir-rappreżentanza ta' dawk l-istituzzjonijiet"* (*a fol.* 181).

Illi l-Qorti tinnota li fil-kawża odjerna la l-iSpeaker u wisq anqas iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma

ġew imħarrka in rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Kumitat in kwistjoni rispettivament. Sabiex il-Qorti tistabbilixxi min huwa l-leġittimu kontradittur, il-Qorti trid toqgħod fuq il-parametri tal-azzjoni kif determinati mir-rikorrent sa mill-okkju tar-Rikors Kostituzzjonali *per se*. *Di fatti* minn qari tal-okkju tar-Rikors Kostituzzjonali jirriżulta li l-intimati ġew imħarrka sempliċement bħala "Speaker tal-Kamra tad-Deputati" u bħala "Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi".

Illi l-Qorti tirrikonoxxi li mhux biss imkien fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ma jingħad li l-iSpeaker jirrapreżenta l-Kamra tad-Deputati, pero' tirrikonoxxi wkoll li lanqas iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi m'għandux ir-rappreżentanza tal-istess Kumitat Permanenti. Minkejja dan, il-Qorti ma ssib illi xejn ma kien jipprekludi lir-rikorrent milli jħarrek għall-fini tal-allegata vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati u liċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Dan ġie wkoll dikjarat f'sentenzi mogħtija f' kawżi simili dik tal-kawża odjerna *ossia*:

- tnejn mogħtija fis-26 ta' Mejju 2016 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Frank Sammut vs. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farruġia et** u fil-kawża fl-ismijiet **Francis Portelli et vs. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et**

  u

- f'oħra mogħtija fit-2 ta' Mejju 2018 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Tancred Tabone vs. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et**.

Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, għandu jingħad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Portelli et vs. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et** mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

"28. L-appellanti jilmentaw li, għar-rigward tal-intimat Onorevoli Dr. Jason Azzopardi bħala Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, in kwantu li, kif jirriżulta mill-ordnijiet permanenti tal-kamra, id-deċiżjoni aħħarija ma hix tiegħu imma tispetta lill-iSpeaker, l-istess Chairman ma jistax jirrispondi għal aġir li ma huwiex tiegħu.

29. Il-leġittimità passiva tal-intimati tiddependi minn natura tat-talbiet u l-premessi tar-rikorrenti fl-att promotur tal-ġudizzju. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Gwida intitolata "Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House Representatives" fih innifsu jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq in kwantu jobbligahom iwieġbu l-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kif ukoll jikser id-dritt tagħhom tal-liberta' personali in kwantu jesponihom potenzjalment għat-telf tal-liberta' personali tagħhom. L-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi, bħala Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huwa responsabbli għat-treġija tal-proċeduri quddiemu kif ukoll għall-esekuzzjoni ta' kwalunkwe ordnijiet jew direttivi li jisgħu jingħatawlu mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati.

30. Inoltre, huwa proprju fuq talba tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li r-rikorrenti appellati ntalbu jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem l-istess Kumitat (Dok PC8, fol. 36) u ġew mill-istess Kumitat riferuti għall-Guide fuq imsemmi li qiegħed jiġi impunjat mir-rikorrenti bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu. Barra minn hekk jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ġew mill-Kumitat avviżati li r-Ruling tal-iSpeaker tat-3 ta' Frar 2014 fil-konfront ta' terżi kien japplika wkoll għalihom. L-istess Ruling qiegħed ukoll jiġi impunjat f'dawn il-proċeduri mir-rikorrenti bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom.

31. Il-premess huwa suffiċjenti sabiex jilleġittima lic-Chairman tal-Kumitat imsemmi sabiex iwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri u l-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat lill-iSpeaker bħala wkoll leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri ma jbiddel xejn minn din il-konklużjoni.

32. Niġu issa għall-iSpeaker.

33. Ma hux kontestat li l-Linji Gwida impunjati f'dawn il-proċeduri jorbtu lill-iSpeaker u li r-Ruling li wkoll qiegħed jiġi impunjat f'dawn il-proċeduri ingħata mill-iSpeaker. Dan ukoll hu biżżejjed sabiex jilleġittima l-preżenza tal-iSpeaker f'dawn il-proċeduri sabiex iwieġeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Il-fatt li l-iSpeaker għadu ma tax deċiżjoni fil-materja speċifika li *se mai* trid tiġi riferita lilu fi stadju ulterjuri tal-proċeduri quddiem l-Kumitat jista' jagħti lok, jekk hekk jirriżulta li jkun il-każ, għal konsegwenzi legali oħra bħal li ma tiġix konstatata ebda leżjoni iżda mhux li l-iSpeaker jinstab nieqes mill-leġittimita' passiva f'dawn il-proċeduri.

34. Barra minn dan kollu, ladarba d-deċizjoni relevanti finali tkun tal-iSpeaker, għall-għanijiet tal-effikaċja tas-sentenza jkun utli li l-iSpeaker wkoll ikun parti.

35. Fid-dawl tas-suespost, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' u sentenza appellata tas-26 ta' Mejju, 2016 ser tiġi konfermata fl-intier tagħha."

Illi l-Qorti Kostituzzjonali saħqet l-istess ħaġa fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Sammut vs. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati**, liema sentenza ngħatat fl-istess ġurnata tas-sentenza hawn fuq appena kwotata.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati m'humiex mistħoqqa u b'hekk għandhom jiġu miċħuda.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati hekk kif kontenuti fir-Risposta tagħhom (*a fol.* 174 *et seq.*) u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż tas-sentenza tal-lum jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**